***OVERDRAFT FACILITIES***
***RES INTER ALIOS ACTA – KUNTRATTI TA' SEPARAZZJONI***

# FIL-PRIM'AWLA TAL – QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' llum it-Tlieta 23 ta' Ottubru,2001**

**Kawza Nru : 17**
**Citazz. Nru : 1572/98/RCP**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**1. Dr.Leslie Cuschieri u l-PL Sharon Mizzi nominati b'digriet tal-1 ta' Ottubru 1997, kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lis-socjeta' kummercjali Fotolab Limited**

**2. Dr.Louis Vella u PL Davina Sullivan li b'digriet tal-15 ta' Jannar 1999 gew nominati**

**kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil assenti Richard Crossley.**

**3.Marushka Crossley.**

**Il- Qorti,**

**I. PRELIMINARI**

Rat ic-citazzjoni attrici fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan u Overdraft Facilities" lill-konvenuta socjeta' kummercjali Fotolab Limited;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta socjeta' kummercjali Fotolab Limited fis-somma ta' hamest elef u erbgha u disghin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm5,094.43) bilanc ghad-debitu fil-*Loan u Overdraft Accounts* ta' Fotolab Limited mas-socjeta Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A" u Dok "61 sa 66") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 1998 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti in atti Nutar Dottor Robert John Muscat datati 13 ta' Novembru 1995 li qed jigu hawn ezebiti u mmarkati Dok "C" u Dok "D", u permezz ta' skrittura privata datata 10 ta' Ottubru 1995 (Dok "E") il-konvenuti Richard u Maroushka

mizzewgin Crossley iggarantew flimkien u “in solidum” mas-socjeta’ kummercjali Fotolab Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess socjeta’ kummercjali Fotolab Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.:

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ zewg ittri ufficjali datati 28 ta’ Awissu 1997 (Dok “F”) u 28 ta’ Awissu 1996 (Dok “G”) sabiex ihallsu id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

L-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex m’Ghandhiex Din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

(1) Tikkundanna lis-socjeta’ kummercjali Fotolab Limited u lil Richard u Maroushka mizzewgin Crossley ihallsu flimkien u “in solidum” bejniethom lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamest elef u erbgha u disghin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm5,094.43) bilanc ghad-debitu fil-”Loan u Overdraft Accounts” ta’ Fotolab Limited mas-socjeta Bank of Valletta p.l.c. (Dok “A” u Dok “B1 sa B6”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ April 1998 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 28 ta’ Awissu 1997 (Dok “F”) u 28 ta’ Awissu 1996 (Dok “G”) u tal-Mandati ta’ Sekwestru li qed jigu prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq* tal-process.

Rat id-dokumenti ezebiti mal-istess citazzjoni attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Dottor Leslie Cuschieri u l-P.L.Sharon Mizzi fejn eccepew:-

1. Illi ghalkemm huma gew innominati b'digriet ta' l-1 ta' Ottubru 1997 kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lis-socjeta` kummercjali Fotolab Limited huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz;

2. Illi bla pregudizzju kellha tigi notifikata l-persuna li ghandha r-raprezentanza guridika tas-socjeta` Fotolab Limited;

3. Illi huma jirriservaw li jeccepixxu ulterjorment.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenuti a fol 50 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Avukat Dottor Louis Vella u l-P.L.Davina Sullivan fejn eccepew:-

1. Illi l-eccipjenti m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jippresentaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri, wara li jikkomunikaw mal-konvenut l-assenti Richard Crossley.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenuti a fol 53 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Frar 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Marushka Crossley fejn eccepiet:-

1. Illi l-azzjoni hija intempestiva, stante illi kienu qed isiru hlasijiet akkont da parte tal-konvenut Richard Crossley;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mhux dovut mill-eccipjenti u l-istess eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, stante illi, permezz ta' kuntratt pubbliku datat 16 ta' Marzu 1998, fl-atti Nutar Rita Sammut Ganado, zewg l-eccipjenti, il-konvenut Richard Crossley kien assuma l-passiv kollu gravanti l-komunjoni tal-akkwisti, u kopja legali tal-istess kuntratt ta' separazzjoni huwa hawn anness u mmarkat Dok A;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta attrici ghandha tipprova l-bilanc tas-somma pretiza;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni taghha a fol 62 tal-process.

Rat id-dokumenti ezebiti ma' l-istess nota tal-eccezzjonijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Mejju 1999 fejn Dr Cassar ghas-socjeta' attrici pprezenta nota ta' riduzzjoni ghall-

ammont ta' Lm4519.66 stante pagament fil-mori tal-kawza. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Josette Demicoli biex tisma' l-provi kollha dwar il-kaz bil-fakolta' li l-partijiet jipprezentaw ix-xhieda bl-affidavits.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 t'Ottubru 1999.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju tas-17 ta' Settembru 1999, tat-22 ta' Ottubru 1999,u tat-13 ta' Jannar 2000.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Jannar 2000, tat-30 ta' Marzu 2000, u tal-14 ta' April 2000.

Rat is-seduti tal-21 ta' Marzu 2000, tat-22 ta' Mejju 2000 u tal-14 ta' Gunju 2000 mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Mejju 2000, tal-11 ta' Lulju 2000, tat-8 ta' Novembru 2000, tal-24 ta' Jannar 2001 fejn Dr. Leslie Cuschieri ddikjara li m'ghandux provi izjed,u l-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju.

Rat in-nota tal-konvenut nomine a fol 99 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tat-8 ta' Marzu 2001, u tal-1 ta' Gunju 2001 fejn Dr Cassar talab li jipprezenta nota. Il-Qorti laqghet it-talba u akkordatlu ghoxrin jum ghall-istess bin-notifika/visto lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom ghoxrin

gurnata biex jirrispondu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-23 ta' Ottubru,2001.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici tal-11 ta' Gunju 2001.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi f'din il-kawza l-bilanc kif ridott gie ppruvat ampjament u fil-fatt ma saret ebda kontestazzjoni dwar l-istess. Oltre Dr.Louis Vella bhala kuratur deputat ghan-nom tal-assenti Richard Crossley irrileva fis-seduta tas-22 ta' Ottubru 1999 quddiem l-Assistent Gudizzjarju li huwa ma rcieva ebda risposta ghall-ittra Dok LV1 fejn talab l-indirizz tal-assenti minghand il-konvenuta Marushka Crossley.Dan iddikjarah ukoll fis-seduta tat-13 ta' Jannar.Illi kwindi ma ngabu l-ebda provi fir-rigward tal-assenti Richard Crossley, hlief min-naha tas-socjeta' attrici li ezebiet Dok C u Dok D li huma zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat datati 13 ta' Novembru 1995;kif ukoll skrittura privata datata 10 ta' Ottubru 1995 (Dok E) li permezz taghhom il-konvenuti Richard u Maroushka mizzewgin Crossley iggarantew flimkien u *in solidum* mas-socjeta' kummercjali Fotolab Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess socjeta' kummercjali Fotolab Limited mas-socjeta' attrici.

Illi l-konvenuta **Marushka Crossley** eccepiet li l-azzjoni hija ntempestiva stante illi kienu qed isiru hlasijiet akkont da parte tal-konvenut Richard Crossley. Illi pero' dan ma giex ippruvat u sar biss pagament fil-mori tal-kawza u l-ammont gie ridott mis-socjeta' attrici. Illi l-uniku eccezzjoni li jifdal li tigi trattata hija t-tieni eccezzjoni taghha fejn issostni li l-bilanc pretiz mhux dovut minnha stante li hija legalment separata minn zewgha li *a sua volta* assuma l-obbligu tal-hlas ta' dawn id-djun.

Illi fix-xhieda li tat hija kkonfermat l-firma taghha fuq il-garanzija tal-10 ta' Ottubru, 1995 a fol.22 tal-process u qalet li zewgha kien irranga kollox mal-bank u hadilha l-karti biex tiffirmhom.Sussegwentement huwa telaq minn Malta u l-kuntratt tas-separazzjoni fil-fatt iffirmah ghan-nom tieghu habib tieghu. L-arrangament kien li permezz ta' dan il-habib tieghu kellu jhallas id-dejn huwa.Hija qalet ukoll li ma kellha x'taqsam xejn mas-socjeta' Fotolab Limited.

Illi jrid jinghad illi meta hi u zewgha ottenew il-"*Loan u Overdrafts Accounts*" mertu tal-kawza huma kienu mizzewgin u dan jirrizulta mid-dokumenti prezentati fl-istess kawza. Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti taqbel perfettament mas-sottomissjoni li ghamel l-avukat difensur tas-socjeta' attrici fejn qal illi fid-dritt kwalsiasi obligazzjoni li Richard u Marushka Crossley setghu ghamlu bejniethom, wiehed favur jew wiehed kontra l-iehor, hija obbligazzjoni vincolanti *inter partes* biss u *vis-à-vis* is-socjeta' attrici, hija

certament *res inter alios acta*. In effetti din il-Qorti, kif presjeduta, diga' kellha okkazzjoni tiddeciedi fuq punt simili. Fis-sentenza "**Bank of Valletta p.l.c. vs Joseph Formosa et"**(Cit.Nru:901/98/RCP) inghad:-

*"illi pero' ghalkemm dejn meritu tal-kawza jaqa' fil-komunjoni tal-akkwisti proprju minhabba tali digriet tas-Sekond'Awla, tat-12 ta' Ottubru 1997, tali huwa res inter alios acta ghal dak li jikkoncerna lill-attrici odjerna u ghalhekk anki din l-eccezzjoni ma' tistax tigi milqugha."*

Illi fis-sentenza "**Bank of Valletta p.l.c. vs David Francis Cluett et"**(Cit.Nru:1108/98/RCP) inghad :-

*"illi pero' kif inghad precedentement, il-konvenuta taghha eccepiet ukoll illi hija u zewgha ghaddejjin minn separazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u rigward taz-zewg loans iffirmati mit-tnejn li huma hija giet accertata mill-konvenut l-iehor li l-bilanc ser jithallas minnu illi pero' dan l-arrangament jew diskors ma jissollevahiex mid-dover taghha lejn is-socjeta` attrici ghar-restituzzjoni tad-debitu ghaliex l-istess Bank huwa estraneju ghall-kwalsiasi arrangament li jsir bejn il-koppja."*

Illi huwa proprju ghalhekk li tali eccezzjoni tal-konvenuta ghandha tigi michuda ghaliex l-arrangament li sar bejnha u bejn zewgha fil-kuntratt tas-separazzjoni taghhom huwa *res inter alios acta* ghas-socjeta' attrici.

Illi ghal dak li jirrigwarda s-socjeta' kummercjali Fotolab Limited rapprezentata mill-kuratur deputat Dr. Leslie Cuschieri huwa rcieva informazzjoni minghand Richard Crossley permezz ta' *fax* fejn dan qal li kien taht l-impressjoni li kienet *"a limited liability company"* u li ma setax jifhem kif huwa garanti ghall-istess kumpanija.Inoltre' qal ukoll li halla f'idejn l-avukat ta' fiducja tieghu li kellu wkoll 1% *share* fil-kumpannija msemmija.

Illi din il-Qorti tirrileva illi tali spjegazzjonijiet moghtija mhumiex kredibbli u certament ma jezonerawx lill-istess milli jonora l-obbligi tieghu verso is-socjeta` attrici li assuma meta ffirma l-iskrittura privata a fol. 22 tal-process.

Illi ghar-ragunijiet sueposti l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti f'din il-kawza huma legalment u fattwalment infondati u t-talba attrici ghandha tigi milqugha fil-konfront tal-konvenuti kollha.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha, **tilqa' t-talba attrici kif ridotta** b'dan illi:-

1. Tikkundanna lis-socjeta' kummercjali Fotolab Limited u lil Richard u Maroushka Crossley ihallsu flimkien u "*in solidum*" bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' t'elef, hames mija u dsatax-il lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm4,519.66) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u*

*Overdraft Accounts*" ta' Fotolab Limited mas-socjeta' Bank of Valletta p.l.c. (Dok."A" u Dok."B1 sa B6") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 1998 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 28 ta' Awissu 1997 u 28 ta' Awissu 1996 u tal-mandati ta' sekwestru li gew prezentati kontestwalment mac-citazzjoni attrici kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C.Pace LL.D.**
**23 ta' Ottubru,2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**23 ta'Ottubru,2001.**